**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 66 – IT-TNEJN, 2 TA' MEJJU 2016 FIL-5.35PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| Rita Saliba | Kunsillier |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Trevor Fenech | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier (5.45pm) |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Mikhail Micallef | Kunsillier |
| Malcolm Abdilla | Kunsillier |

## 1 Approvazzjoni Minuti Numru 65

1.1 Ma kienx hemm korrezzjoni fil-minuti. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 2 Punti mtella mill-Minuti

2.1 Rigward paragrafu 5.2, il-Kunsill ġie nfurmat li nstema' l-appell fit-28 ta' April 2016 quddiem il-PCRB dwar it-tender tal-ġbir ta' skart domesiku.

2.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar il-laqgħa mad-Direttur tal-LESA. Fost affarjiet oħra ġie diskuss traffic management fi Triq in-Naxxar, bżonn ta' aktar edukazzjoni mill-warden, hot spots f'San Ġwann li jkun hemm ipparkjar illegali u l-pagamenti tal-10% administration fee.

Is-Sur Neville Mallia daħal għal-laqgħa fis-5.45pm.

2.3 Ġie innutat ukoll il-laqgħa li saret mal-Guard & Warden House rigward servizz tal-wardens TMS.

2.4 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jkun hemm sospensjoni tal-agenda u jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Rita Saliba ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

## 3 Pagamenti Numru 57

3.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 4 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.1 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ irriżenja minħabba li għalaq it-18-il sena. Il-Kunsill għandu l-approvazzjoni biex joħrog sejħa għall-Ambaxxatur ġdid. Dan l-avviż għandu joħroġ fil-Ħuġġieġa li jmiss.

Is-Sinjura Rita Saliba skużat ruħha mil-laqgħa minħabba konflit ta' interess.

4.2 Is-Sindku tkellem fuq l-applikazzjoni tad-Dar tal-Anzjani f'Wied Għomor li ser tidher quddiem il-Planning Board il-Ħamis, 5 ta' Mejju 2016. Il-Kunsill ikkonferma l-pożizzjoni kontra dan l-iżvilupp u s-Sindku għandu jattendi u jitkellem waqt is-smiegħ.

Is-Sinjura Rita Saliba daħlet għal-laqgħa.

4.3 Ġiet innutata korrispondenza mill-Kumitat konġunt tal-Lvant. Dawn jinkludu l-financial statements għas-sena 2015. Il-Kunsill għandu wkoll jirċievi 3,534 Ewro mir-Reġjun Ċentrali bħala parti mit-trasferiment tal-assi mill-Kumitat għar-Reġjun. Il-Kunsill għandu wkoll iħallas 243 Ewro bħala parti mill-ispejjeż biex xolja l-Kumitat. Il-Kunsill innota wkoll l-ammont ta' ċitazzjonijiet pendenti ta' 292,874.93 Ewro lill-Kunsill ta' San Ġwann. Ġie deċiż li tinġabar l-informazzjoni dwar dawn il-5689 ċitazzjonijiet pendenti qabel ma jieħu deċiżjoni l-Kunsill.

4.4 Kien hemm qbil unanimu li nitolbu lill-Perit tal-Kunsill biex isiru l-applikazzjonijiet għall-Misraħ il-Ward u l-Community Hall lil PA hekk kif ġew approvati l-pjanti.

4.5 Il-Kunsill ġie nfurmat li sar it-tindif mill-voluntiera fiż-żona fejn ġej id-Doggie Park. Gie innutat li l-fence għal dan is-sit ser tkun tiswa 2000 Ewro. Kien hemm approvazzjoni li 1000 minnhom jiġi ffinanzjat mill-GreenPak bħala premju għar-rebħ tal-GreenPak Awards. Ġie innutat ukoll li għad hemm spejjeż tal-gradi, bankijiet u doggie bin.

4.6 Il-Kunsill innotat il-feedback pożittiv li kien hemm dwar il-guva li saret fi Triq R Caruana Dingli. Hemm il-ħsieb biex isiru oħrajn bħal din f'siti oħra.

4.7 Is-Sindku għandu jattendi għal-laqgħa tas-Sindki fis-6 u 7 ta' Mejju 2015. Kien hemm qbil li jsir booking dirett mill-Kunsill għal lukanda f'Għawdex għas-Sinku peress li LCA informa lill-Kunsill li l-lukanda fejn ser issir il-konferenza hija mimlija. Kien hemm qbil unanimu.

## 5 Korrispondenza

.

5.1 Ġie innutat il-Premju Nazzjonali għall-Appoġġ lill-Intrapriża 2016. Kien hemm qbil li l-Kunsill ma japplikax. Kien hemm qbil ukoll li 'l quddiem il-Kunsill jieħu xi inizjattiva favur l-intrapriża lokali.

5.2 Ġiet innutata korrispondenza minn residenti rigward il-kundizzjoni ħażin tas-sleeping policeman li hemm fi Triq il-Bies kantuniera ma' Triq il-Pellikan. Kien hemm qbil li din is-sleeping policeman titneħħa.

5.3 Kien hemm diskussjoni rigward ittra minn resident fi Triq George Tayar li talab biex faċċata tal-garage tiegħu isir double yellow line minflok parkeġġ biex

ikollu aċċess idaħħal dgħajsa fil-garage. Il-Kunsill innota li bħalissa qed jinħareġ No Parking kull meta ikun irid joħroġ jew idaħħal id-dgħajsa. Wara diskussjoni kien hemm qbil unanimu, li mhux aċċetabbli li jintilef parkeġġ meta jista' jsir No Parking fil-ġranet li ser idaħħal jew joħroġ id-dgħajsa u l-kumplament tal-ġranet jibqa' parkeġġ għar-residenti.

5.4 Kien hemm diskussjoni fuq ilment minn resident minn Triq Akaċja dwar ħmieġ tal-klieb fuq il-bankina u fil-ħamrija. Ġie deċiż li jitwaħħlu żewġ tabelli mas-softarea biex tnaddaf wara l-kelb tiegħek.

5.5 Ġiet innutata l-approvazzjoni tal-ERA biex titneħħa siġra minn Triq l-Ibiskus. Għandha tintalab kjarifika rigward siġra fi Triq iċ-Ċedru. Ġie deċiż li tintalab stima mill-ELC biex din is-siġra titneħħa.

## 6 Affarjiet Oħra

6.1 Is-Sur Dominic Cassar tkellem fuq il-problemi li qed jiffaċċa l-Kunsill minhabba l-proċedura li jrid jagħmel il-Kunsill biex jirreġistra Bulky Refuse u WEEE Refuse. Tkellem ukoll fuq ilment minn resident li għandu l-gallarija baxxa u vetturi kbar qed joltuqha. Għandha ssir site visit oħra biex jara jistax jitwaħħal bollard. Tkellem ukoll fuq sit fejn il-masġar. Hu qed jitlob biex jitnaddaf dan is-sit bil-Bobcat. Għandha tiġi stabbilita jekk dan is-sit hijiex privata jew le.

6.2 Is-Sinjura Marica Bayliss talbet biex naħsbu ftit fuq nomini għal Mertu San Ġwann biex tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss. Hi lmentat bin-nuqqas ta' effettività mill-Pulizija. Ġie deċiż li jsir ilment lill-AC responsabbli.

6.3 Is-Sur Trevor Fenech tkellem li l-Club tal-Football ta' San Ġwann jixtieq jorganizza Euro Village waqt il-logħob tal-Euro Cup. Ġie deċiż li jsir No Objection sakemm li jiġi osservat il-liġi dwar il-ħin, ma jitħalliex skart fit-triq, ma jsirx strobju wara l-ħin. Is-Sur Fenech talab ukoll biex tintbagħat reminder dwar il-proposta ta' camera fi Triq il-Kampanella. Għandha tintbagħat reminder ukoll dwar il-camera ta' Triq in-Naxxar. Għandu jintalab ukoll parir tal-Perit dwar il-linji tal-parkeġġ fi Triq Sant'Antnin. Għandu jsir refreshing ta' marki fi Triq Santa Margerita. Is-Sinjura Marica Bayliss fakkret li TM lanqas għamlet il-junction box għall-aċċessibiltà għall-Kunsill u saret mill-ħaddiema tal-Kunsill.

6.4 Is-Sur Neville Mallia lmenta li għad mhemmx toilet paper holder fil-latrina.

## 7 Għeluq il-Laqgħa

7.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.20pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 16 ta' Mejju 2016 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Etienne Bonello Du Puis** | **Kurt Guillaumier** |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |